# L-IMĠARR

---

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/02, it-Tnejn 15 ta' Lulju 2019

---

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattive tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 2 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2019 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:34pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*2.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*2.4 Korrispondenza*

*2.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*2.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*2.7 Proġett ta' Triq Sir Harry Luke;*

*2.8 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera skont l-14 -il Skeda ta' Kap. 363;*

*2.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**2.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm l-ebda' ittri ta' Apoloġiji għal din il-laqgħa.

**2.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala approvati.

2.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

**2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.3.1 Is-Sindku ta' rendikont tal-proġett tal-'outdoor gym' fil-Housing Estate. Informa li x-xogħol tal-installazzjoni tat-tagħmir kienet waslet biex tibda' fil-jiem li ġejjin.

2.3.2 Is-Sindku spjega wkoll xi proġetti oħra tal-Kunsill speċjalment għall-benefiċċju tal-Kunsillieri ġodda.

2.3.3 Il-Kunsilliera Odette Muscat daħlet għal-laqgħa fil-5:37pm.

## 2.4 Korrispondenza

2.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

2.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet intbgħatet talba sabiex il-permessi tal-proġett ta' Darrenzi jiġu mġedda. Dan fid-dawl ta' possibiltajiet ta' fondi għall-dan il-proġett mill-Majjistral Action Group Foundation.

2.4.3 Ġiet ippreżentata wkoll in-nomina tas-Sur Eman Vella biex jirrappreżenta il-lokalita' tal-Imġarr fuq il-Majjistral Action Group Foundation.

2.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar l-applikazzjoni li l-Kunsill agħmel fuq il-proġett tal-LCCare dwar annimali abbandunati fil-lokalita'. L-applikazzjoni tlestijet bl-involviment tal-Kunsilliera Odette Muscat. Il-Kunsill qed jagħmel talba għall-8000 Ewro, filwaqt li qed jikkommetti li joħroġ 2250 Ewro, għal total tal-10,250 Ewro.

2.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll rapport mill-konsultenti tal-Kunsill għall-GDPR, BOOM Consultancy, fejn juri li matul l-ewwel 3 xhur ta' applikazzjoni, il-Kunsill laħaq 23.33% tal-għanijiet tiegħu.

## 2.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

2.5.1 Ma kien hemm l-ebda' tema li ġiet diskussa taħt dan is-suġġett.

## 2.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

2.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 1/8 li kienet tammonta għall-64,472.34 Ewro.

2.6.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament u għalhekk ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunsillier Clayton Gauci u mill-Kunsilliera Odette Muscat.

## 2.7 Proġett ta' Triq Sir Harry Luke

2.7.1 Is-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv irrappurtaw dwar il-laqgħa li kellhom ma' Infrastructure Malta dwar ix-xogħol li ser isir fi' Triq Sir Harry Luke. Ix-xogħol ser jikkonsisti fil-mgħodija tas-servizzi kollha ta' taħt l-art, kisi mill-ġdid tat-triq u bankini ġodda. Ix-xogħol ser isir f' fażijiet u hu maħsub li idum għal numru ta' xhur.

2.7.2 Il-Kunsill qabel li tinbgħat ittra fid-dar tar-residenti kollha kif ukoll isir użu mill-medja soċjali sabiex tingħata aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

2.7.3 Ser isiru laqgħat mal-uffiċċjali tas-Servizz tat-Trasport Pubbliku biex jiġu imressqa rottot alternativi għas-servizz matul iż-żmien li ikun qed isir ix-xogħol.

2.7.4 Il-Kunsill ser jippreżenta talba sabiex dan ix-xogħol ikompli niżel aktar 'l isfel minn Triq ta' Ħaġrat fejn qed jinbena il-post tal-banda. Talba oħra li ser titressaq hi sabiex il-parti ta' fuq ta' Triq San Pietru tingħata wiċċ ġdid peress li ser tkun qed tintuża bħala rotta alternattiva waqt ix-xogħlijiet.

## 2.8 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera skont l-14 -il Skeda ta' Kap. 363;

2.8.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar ir-responsabbiltajiet tal-Kunsilleri skont 1-14 -il Skeda ta' Liġi, Kap. 363. Dan hu it-tqassim tar-responsabbiltajiet hekk kif mifthiem u maqbul :

- Paul Vella – Sindku : Proġetti, Kultura u Komunitajiet
- Wistin Vella – Viċi Sindku : Indafa, Ambjent, Sport u Attivita' Fiżika
- Clayton Gauci – Kunsillier : Infrastruttura, Innovazzjoni u Infurzar
- Tiziana Busuttil Borg – Kunsillera : Edukazzjoni, Qasam Soċjali, Żgħażagħ u Tfal
- Odette Muscat – Kunsillera : Anzjani, Ħarsien tal-Annimali u Integrazzjoni.

## 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

2.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għat-Tnejn 12 ta' Awwissu 2019, fil-5:00pm.

2.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:57pm.

**Paul Vella**
Sindku

**Cyprian Dalli**
Segretarju Eżekuttiv